Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 333 / 2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Conrad Meilaq**

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Conrad Meilaq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 376179M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-10 ta' Frar, 2019 ghal habta ta' 15.00hrs bil-vettura Renault (numru ta' Registrazzjoni EAV 335) gewwa Triq il-Qaliet, Marsascala:

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b' mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2));
2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b' nuqqas ta' kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2));
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)).

4. Soqt jew pruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f' post pubbliku iehor waqt li ma kontx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15 A (1)).
5. Soqt jew pruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f' post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mill-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1)).

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi u l-Ligi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (l (a), 2), Kap 65 Artiklu 15 (l) (a), (3), Kap 65 Artiklu 15A(l), Kap 65 Artiklu 15B(l), il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih:

1. Ikkundannatu jhallas multa ta' elfejn ewro (€2,000);
2. Skwalifikatu milli jzomm il-Licenzja tas-sewqan ghal zmien sena u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 ordnatlu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta;
3. Ai termini tal-Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, imponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-icenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti ghandhom jigu mnizzla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorita' dwar it-Trasport f' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Conrad Meilaq minnu pprezentat fid-19 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponenti minn kull htija u piena u b'mod sussidjarju u fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija f'xi

wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu li tvarja l-piena mposta ghal wahda aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat **illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f' dan li ġej.**

**A. <u>Dwar l-apprezzament tal-provi in konnessjoni mar-raba' u mal-hames imputazzjoni</u>**

Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

> *(1) Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*
>
> *(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacità tagħha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa.*

Ghaldaqstant tali artikolu jiskatta mal-mument illi l-kapacita' tas-sewqan tal-esponenti tonqos. Ossia fil-kaz *de quo* mal-mument illi l-appellant kien qieghed isuq jew kellu l-kontroll tal-vettura tieghu u dan fil-waqt li l-kapacita' tieghu li jsuq kienet nieqsa sforz ix-xorb illi l-esponenti kien allegatament ikkonsma.

Tenut kont tas-suespost, il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova tliet elementi kardinali illi jsawwru tali imputazzjoni:

1. L-esponenti kien qieghed isuq;
2. L-esponenti kien ikkonsma xi xorb – liema allegazzjoni mhiex qieghda tigi kkontestata, **<u>kif ukoll li</u>**
3. Dan ix-xorb b'xi mod jew iehor naqqas il-kapacita' tal-esponenti li jsuq

Sabiex tipprova it-tielet element ta' dan ir-reat, li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-pern tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti kontra l-appellant, il-Prosekuzzjoni ghazlet li tistrieh kompletament fuq ir-rizultanzi tar-'roadside test' illi sar permezz tal-breathalyser.

Billi l-appellant tressaq quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u billi l-imputazzjonijiet kienu ta' natura penali, huwa principju ben stabbilit u applikat fil-gurisprudenza taghna kif ukoll dik barranija li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Kull prova li kellha ggib il-Prosekuzzjoni kellha tkun inekwivoka u li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli f'mohh il-gudikant dwar l-akkuzi migjuba kontra l-esponenti.

Dan qieghed jinghad ghax ghalkemm b'xi mod jew iehor jirrizulta illi l-esponenti kien xorob madanakollu certament ma jirrizultax illi l-esponenti ma kienx f'kundizzjoni li jsuq.

Tifli kemm tifli l-atti processwali u b'mod aktar specifiku, l-affidavits prezentati imkien ma jirrizulta illi l-esponenti kien qieghed isuq b'mod perikoluz, erratiku jew traskurat. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti a tempo vergine ikkopera mija fil-mija mal-Pulziija, tanthu hekk illi ma offra l-ebda rezistenza u ta d-dettalji tieghu kollha hekk kif mitlub.

Ghandu jigi mfakkar illi l-esponenti ma giex imwaqqaf ghax kien qieghed isuq b'mod traskurat, perikoluz jew b'nuqqas ta' kont izda ghas-semplici fatt illi huwa kien involut f'incident stradali mal-karozza ta' quddiemu u xejn aktar.

Fid-dawl tal-premess qieghda ssir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Onor. Imhallef M. Mallia deciza nahr it-30 ta' Novembru, 2009 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Keith Aquilina'** fejn il-Qorti rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghal dik odjerna rriteniet illi:

*"Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma*

*kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha tigi ppruvata.*

*Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-"particulars" u anki meta kien id-Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Naturalment kulhadd huwa responsabbli ta' ghemilu w jekk l-imputat ma gabx ruhu sew fil-konfront tal-Pulizija w kiser xi kontravenzjoni f'dan is-sens allura jrid iwiegeb ghal dan kif fil-fatt gara. Pero' ma jistax iwiegeb ghall-akkuza illi ma tirrizultax sodisfacentement ippruvat fi grad li trid il-Ligi.*

*Hadd mix-xiehda li gew imressqa mill-prosekuzzjoni ma nnotaw xi sewqan erratiku jew mhux normali da parte tal-imputat. Fil-fatt dana twaqqaf biss ghaliex ma kienx liebes is-"seat belt" mhux ghal xi kontravenzjoni ohra.*

*Ghalhekk il-fatt illi kien xurban irid jitqies bhala prova flimkien ma' provi ohra li setghu jwasslu ghall-konkluzzjoni illi l-imputat ma kellux il-kontroll tal-vettura.*

*Ir-"reading" tar-"road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jan Spiteri deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizzjoni ghal min mhuwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il- Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia."*

A bazi tas-suespost ghandu jigi ribadit illi l-prosekuzzjoni imkien u fl-ebda stadju ma gabet prova illi l-esponenti, sforz l-alkohol ili kien ikkonsma, ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Fatt li ma jemergi mill-ebda affidavit pprezentat u konsegwentament l-esponenti jemmen illi r-raba imputazzjoni ma tistax tirrizulta

**B. <u>Dwar il-Htija taht il-hames imputazzjoni</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Kif nghad aktar 'il fuq, jirrizulta illi l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien tal-htija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni a bazi tal-affidavits pprezentati kif ukoll il-breathlyser test ezebit fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Kif jixhdu l-imsemmija affidavits, b'mod partikulari mill-affidavit ta' PS31 Mario Farrugia, ghalkemm gie indikat illi l-esponenti 'nghata s-solita twissija' qabel it-tehid tal-imsemmi breathalyser test, madanakollu l-ebda ufficjal tal-Pulizija ma wissa lill-esponenti li b'ghemilu setgha jinkrima lilu nnifsu u li effettivament kellu kull dritt jirrifjuta illi jaghti tali kampjun. Lanqas ma jista' jinghad illi xi wiehed minn tali ufficjali tal-Pulzija prezenti fuq il-post ma nforma lill-esponenti illi kellu dritt jiehu parir legali qabel ma jaghti l-imsemmi kampjun.

Ghandu jigi mfakkar dak li ddecidiet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **<u>'Alexander Zaichenko vs Russia'[1]:</u>**

> *"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of*

[1] Deciza nhar it-18 ta' Frar, 2010

*article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

Dan ghandu jkun ikkunsidrat fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 366E tal-Kodici Kriminali:

> *366E. (1) Persuni suspettati u akkużati għandu jkollhom id-drittli jibqgħu siekta fir-rigward tar-reat kriminali li huma suspettati jewakkużati li wettqu u għandu jkollhom id-dritt li ma jinkriminawx ruħhom*

Fid-dawl ta'dawn in-nuqqasijiet, b'mod specifiku ghall-fatt illi l-ebda wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija ma nforma lill-esponenti bid-dritt tieghu li jirrifjuta illi jaghti tali kampjun kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-ebda wiehed mill-ufficjali ma wissa lill-appellant odjern illi jekk huwa jaghzel illi jirrifjuta illi jaghti kampjun, huwa kien sejjer jigi arrestat, l-appellant jaghmel referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Onor. Imhallef E Grima deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Raymond Grech Marguerat'</u>** fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha."*

Ghaldaqstant, stante li fil-kaz odjern jirrizulta illi tali test tan-nifs gie issominístrat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, l-esponenti jemmen bis-shih illi tali kampjun ma setgha qatt jitqies bhala prova ammissibbli

fil-konfront tieghu u konsegwentament fin-nuqqas ta' tali prova, l-appellant ma setgha qatt jinstab hati tal-hames imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

C. **Dwar l-Allegat Sewqan Perikoluz, Traskurat u Bla kont**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

Illi permezz tas-sentenza appellata, l-esponenti nstab hati tal-ewwel, tat-tieni kif ukoll tat-tielet imputazzjponi ossia illi saq b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont u bi traskuragni.

F'dan ir-rigward l-esponenti sejjer jaghmel referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mario Gellel'** deciza nhar id-19 ta' Frar, 2004 fejn gie ritenut illi:

> "...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. v. Charles Bartolo, Pol. v. Wilson, u Pul. v. Alfred Vella u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. v. Hardingham. Gie wkoll ritenut li "Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ." (App. Krim. Pul. v. Charles Farrugia ]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. v. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. v. Antonio Spiteri)"..

Il-Qorti tal-Appell kriminali fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud' deciza nhar is-6 ta' Mejju, 1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano),

enuncjat it- tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.
>
> Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.
>
> Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u ssewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain,

deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) …….”

Tenut kont tas-su espost jirrizulta bl-aktar mod car illi d-distinzjoni bejn it-termini perikoluz, traskurat u bla kont temergi mill-grad ta' traskuragni fis-sewqan mertu tal-proceduri.

Madanakollu fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Giuseppe Galdes'[2]** gie ritenut illi:

> “sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari.”

Illi sabiex l-ewwel Onoroabbli Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni illi effettivament waslet ghaliha, kif ukoll sabiex tevalwa l-grad tal-allegat traskuraggni tal-appellant odjern kien jehtieg illi tiehu kont tal-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward, inter alia illi:

- L-ebda wiehed mill-Pulizija ma indika illi l-esponenti kien qieghed isuq b'mod erratiku;
- Minn imkien ma jemergi illi kien hemm pedestrians involuti u li konsegwentament l-appellant kien ta' perikolu ghall-pubbliku miexi fit-triq;
- Bl-ebda mod u manjiera ma gie ppruvat illi l-incident stradali msemmi fl-affidavits tal-pulizija fil-proceduri odjerni kien sforz ta' traskuragni u/jew negligenza tal-esponenti. Dan qieghed jinghad stante li l-esponenti ma giex akkuzat illi kkawza hsara involontarja sforz in-negligenza tieghu

[2] Deciza nhar it-3 ta' Mejju, 1953 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

Tenut kont tas-su espost, fl-umli fehma tal-esponenti l-agir tieghu ma jista' qatt jitqies bhala sewqan perikoluz u konsegwentament ma setgha qatt jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.

*Di piu'* anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss dina l-Onorabbli Qorti temmen illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment korretta meta sabet lill-esponenti hati tal-ewwel imputazzjoni madanakollu f'din l-eventwalita' il-Qorti kellha tikkonsidra illi kemm it-tieni kif ukoll it-tielet imptuazzjoni kienu komprizi fl-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant ma setghetx issib htija taht it-tliet imputazzjonijiet.

**D. <u>Dwar il-Piena</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti ghall-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija.

L-ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-esponenti jhallas multa ta' €2000 kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata.

Illi fid-dawl tac-cirkostanzi li jsawru l-kaz odjern l-esponenti jemmen illi l-piena nflitta hija wahda eccessiva.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jindika li attwalment l-esponenti, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga illi kien hakimlu hajtu f'dawn l-ahhar xahar, huwa beda jattendi sessjonijiet mal-Caritas u ilu jaghmel dan sa minn Gunju tas-sena 2018. Di piu' ghandu jigi nnuttat illi l-esponenti jahdem bhala full time driver mas-socjeta' kummercjali Total Management Solutions Limited u konsegwentmaent il-piena hekk kif inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti sejra jkollha impatt kbir kemm fuq il-ben essere tal-appellant kif ukoll fuq ix-xoghol tieghu.

Illi l-esponenti huwa a first time offender u lanqas qatt ma xellef dirfejgh mal-ligi b'xi mod jew iehor;

Illi l-Blackstone dwar il-perijodu taz-zmien ta' tali skwalifika, jghid li:

> "In general, when considering the length of disqualification courts should attempt to avoid long periods, particularly when the disqualification is imposed at the same time as a sentence of imprisonment as it may have an adverse effect on the defendant's prospects of effective rehabilitation upon his release from custody (per Ognall J in Russell [1993] RTR 249n). In addition lengthy disqualifications tend to be counter-productive and often hamper the offender in the job market, sometimes leading to further crime, in particular, driving while disqualified. See Thomas (1983) 5 Cr App R (S) 354; Matthews (1987) 9 Cr App R (S) 1; West (1986) 8 Cr App R (S) 266. Against those considerations the court must also consider its duty to protect the public, and a lengthy period of disqualification to enable the defendant to mature may be justified (Gibbons (1987) 9 Cr App R (S) 21)"[3].

Illi fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, l-esponenti jemmen illi l-piena erogata ghandha tigi varjata.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

---

[3] Blackstone's Criminal Practice 1995 pg 845 C7.5

1. Illi fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) waqt li l-appellant kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAV335 kellu incident ma' vettura ohra u  cioe' dik bin-numru EBB723 misjuqa minn Pc189 Mariano Ancilleri;
2. Illi sar rapport u gie amministrat il-breathalyser test u rrizulta li l-appellant kien ikkonsma aktar alkohol mill-limitu stabbilit fil-ligi;

3. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Qabel din il-Qorti tibda tqis aggravju aggravju, sejra l-ewwel tqis it-tieni aggravju u cioe' bl-ittra 'B'. L-appellant jissottometti li kif jixhdu l-imsemmija affidavits, b'mod partikolari mill-affidavit ta' PS31 Mario Farrugia, ghalkemm gie indikat li l-appellant 'nghata s-solita twissija' qabel it-tehid tal-imsemmi breathalyser test, madankollu l-ebda ufficjal tal-Pulizija ma wissa lill-appellant li b'ghemilu setgha jinkrima lilu nnifsu u li effettivament kellu kull dritt jirrifjuta li jaghti tali kampjun. Lanqas ma jista' jnghad li xi wiehed minn tali ufficjali tal-Pulizija prezenti fuq il-post ma nforma lill-appellant li kellu dritt jiehu parir legali qabel ma jaghti l-imsemmi kampjun.

L-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 366E(1) tal-Kodici Kriminali li jiprovdi:

'*Persuni suspettati u akkużati għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu siekta fir-rigward tar-reat kriminali li huma suspettati jew akkużati li wettqu u għandu jkollhom id-dritt li ma jinkriminawx ruħhom.*'

L-appellant jissottometti li l-ebda wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija ma nforma lill-appellant bid-dritt tieghu li jirrifjuta li jaghti tali kampjun kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-ebda wiehed mill-ufficjali ma wissa lill-appellat odjern li jekk huwa jaghzel illi jirrifjuta li jaghti kampjun, huwa kien sejjer jigi arrestat. L-appellant jaghmel referenza ghal decizjoni tal-Qorti u jissottometti li stante li fil-kaz odjern jirrizulta li tali test tan-nifs gie issoministrat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant, l-appellant jemmen bis-

shih li tali kampjun ma setgha qatt jitqies bhala prova ammissibli fil-konfront tieghu u konsegwentament fin-nuqqas ta' prova, l-appellant ma setghax jinstab hati tal-hames imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal provi mressqa sabiex tqis jekk jirrizultax jekk l-appellant inghatax id-drittijiet tieghu inkluz id-dritt li jibqa' sieket, id-dritt li jikkonsulta u jkollu Avukat prezenti waqt l-investigazzjoni kif ukoll id-dritt li jirrifjuta li jigi amministrat il-breathalyser test bil-konsegwenza li jgib mieghu r-rifjut. Fl-affidavit ta' Ps31 Mario Farrugia tnizzel fost affarijiet ohra li '*Conrad Meilaq kien jinxtamm riha ta Alcohol fejn huwa gie nfurmat illi kien hemm suspett illi kien qieghed isuq taht l-influenza ta l-alcohol, u ghalhekk kien ser jittiehidlu test tan nifs. Ingieb il-bretiliser fuq il-post fejn Conrad Meilaq inghata is soltu twissija, fejn hu ghazel illi jghamel it-test tan nifs, illi irrizulta 66.4ug/100ml, illi huwa limitu katar gholi mil-masuimu stabbilit mil-ligi. Huwa nghata kopja tal-ircevita tat-test tan nifs u irrifjuta illi jiffirma din l-ircevuta.*'

Fir-rapport dwar l-incident li jinsab a fol 21 et sequitur fost fatti ohra gie rapportat li '*minhabba il-fatt illi kien qed jigi suspettat illi Conrad kien qieghed isuq fi stat ta' sakra huwa kien infurmat illi kien ser isirlu it test tan nifs, fejn il-brethiliser ingieb minn l-ghassa ta bormla fuq il-post u fil- 15:38hrs sarlu it-test tal-brethiliser, ta min jinnota illi l-hin fuq il-magna tal-brethiliser kien ghadu bis-siegha il-quddiem u ghalhekk jimmarka il-hin ta 16:38hrs. Conrad imghata l drittijiet tiegu kif ukoll id dritt ta rifjut tat test fejn huwa ghamel it test illi irrizulta 066.4ug/100ml ili huwa ghola mil-limit stabbilit fil-ligi. conrad irrifjuta illi jiffirma il-karta tar rizultat tal- brethiliser,*'

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata irreferiet ghal-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Paul Bond vs Karmenu Debono'**[4] fejn gie kkunsidrat li:

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu, 2015 (Appell Kriminali Numru: 266/2014)

*'L-obbligu tal-pulizija illi jaghtu twissija lill-persuna li jkunu qeghdin jinvestigaw jirrezali meta jkun hemm arrest u cioé "a deprivation of liberty". Hawnhekk ghandna kaz ta' "roadside interview" fejn ma hemmx arrest u l-pulizija qeghdin jaghmlu l-ewwel indagni fejn deherilhom illi sar ksur ta' xi regolamenti tat-traffiku. F'dan il-kaz ma hemmx ghalfejn illi jkun hemm twissijiet u l-pulizija jistghu jinvestigaw kif normalment isir u wkoll jirregistraw dak illi jkun intqal lilhom mill- persuna li allegatament tkun qed twettaq il-ksur. Ghalhekk f'dan il-kaz il-pulizija ma kellhom l-ebda obbigu sabiex jaghtu xi twissija lill-appellant li min-naha tieghu kien obbligat iwiegeb ghad-domandi li kienu qeghdin jaghmlulu l-pulizija.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Tony Cachia) Vs Mark Scicluna'</u>**[5] gie kkunsidrat li:

*'Ghal dak li jirrigwarda t-twissija, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-appellant. Jibda biex jinghad illi t-twissija formali ghandha tinghata biss meta l-persuna tkun taht arrest. Ghal dak li jirrigwarda "roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest u l-Pulizija tkun qeghdha prezenti biss biex tistabbilixxi l-fatti u tiehu l-verzjoni tal-partijiet involuti fl-incident. Fl-ebda hin dawn il-partijiet ma jkunu taht arrest, ghad illi ovvjament jekk ma jikkooperawx mal-Pulizija jistghu jinstabu hatja ta' affarijiet ohra, bhal li naqsu illi jaghu l-particulars lil Pulizija, izda mhux ta' harba minn arrest. Madankollu, minkejja illi d-dikjarazzjonijiet maghmluha minn persuna waqt "roadside interview" m'ghandiex ghalfejn tkun soggetta ghal twissija minn naha tal-Pulizija li jkun qed jinvestiga l-incident, dikjarazzjoni tali jridu jittiehdu b'certu kawtela u jrid isir ezercizzju biex jigi determinat kemm hija soda l-prova migjuba mill-Pulizija f'dawk ic-cirkostanzi.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani fil-kawza, fl- ismijiet Aleksander Zaichenko vs Russia deciza fit-18 ta' Frar ta' l-2010 (Case number 39660/02) fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet "In some, the evidence available to the Court supports the claim that the applicants pre trial admission, whether directly self*

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2014 (Appell Kriminali Numru: 250/2013)

*incriminating or not, was used in the proceedings in a manner which sought to incriminate him. In the Court's view, statements obtained in the absence of procedural guarantees, should be treated with caution (Lutsenko vs Ukraine, number 30663/04 18$^{th}$ December 2008).*

*Hence, what remains to be determined is whether the criminal proceedings against the applicant, can be considered fair on account of the use made of the applicants' pre trial admission. Regard must be had to whether the rights of the defence had been respected and whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained casted out on a its liability or accuracy." Dan huwa l-kriterju li l-Qorti ghandha tuza' f'dan il-kaz u jkun assurd li kull darba li l- Pulizija tikkonduci "road side interview" toqghod tesigi lil dak li jkun icempel lil avukat sabiex jigi fuq il-post sakemm isir dan l-interview. Kif ga inghad, la l-persuna ma tkunx taht arrest, quindi ma ghandux id-dritt li jkollu mieghu avukat dak il-hin, pero d-dikjarazzjonijiet moghtija minn dik il-persuna, ghandhom jittiehdu b'certa kawtela mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif inghad fil-kawza "Aleksander Zaichenko vs Russia". F'dan il-kaz ma hemmx dubju li x-xhieda tal-Pulizja hija wara veritjera u soda u l-Qorti tista' toqghod fuqha. Barra minnhekk, id- drittijiet tad-difiza gew irrispettati u l-appellant nghata l- opportunita' sabiex jikkuntesta l-awtenticita tal-provi migjuba u sabiex jopponija. Il-Qorti ghandha tieghu ukoll in konsiderazzjoni l-kwalita' tal-prova, inkluz ic-cirkostanzi li nghatat setghatx titfa' xi dubju fuq l-ezattezza taghha. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-argument ta' l-ewwel Qorti, fejn qalet li kieku nghata dan id-dritt u jekk l-imputat cempel lil avukat, dan l-avukat kien jghidlu l-istess haga kif fil-fatt qallu s-Surgent, ma jaghmilx sens legali. Dan huwa argument ipotetiku illi fil-kamp kriminali ma jistax jintuza' pero irrizulta li qabel ma' l-appellant gie mgieghel jiehu l-breathalyzer test, gie moghti t-twissija necessarja billi gie mgharraf bid-drittijiet tieghu kollha inkluz il- konsegwenzi jekk huwa jirrifjuta illi jaghmel dan it-test.*

*Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Pulizija mxiet skond il-Ligi, t-test ittiehed b'mod regolari u r-rizultat tieghu jista' jittiehed bhala prova fil-konfront ta' l-appellant.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Maria Stella Attard Vs Raymond Grech Marguerat'**[6] gie kkunsidrat li:

*'Issa fl-affidavit tal-PC589 Grima hemm mistqarr hekk:*

*"PC1537 rega tah it-twissija u dak il-hin is-sur Grech irrifjuta li jittiehidlu kampjun tan-nifs."*

*Imkien ma gie imfisser minn dan l-ufficjal tal-pulizija x'tip ta' twissija inghatat lill- appellat u jekk giex lilu spjegat car u tond il-konsegwenzi ta' tali rifjut, issa allura li bir-rifjut tieghu kien ser ikun hemm il-konsumazzjoni tar-reat.*

*Fuq id-dokument tat-test innfisu hemm dikjarat hekk:*

*The subject has been warned but refused to supply a breath specimen for analysis."*

*Fix-xhieda tal-PC1537, imbaghad kif inghad jirrizulta illi meta imwissi fuq il-post l- appellat ma setax jifhem in-natura tat-twissija u l-procedura li tigi segwieta. Ikompli ighid hekk:*

*"X'hin hadnieh l-ghassa iccekjajna d-dettalji tieghu, li d-dettalji li tana kienu korretti, kkonfermajniehom, ergajt tajtu l-caution qabel tajtu t-test u nfurmajtu li jekk kien ha jirrifjuta kien ser ikun reat u konna ha nohorgulu c-charges li kien qed isuq taht l- influwenza tax-xorb u hu irrifjuta li jaghmel t-test."*

*Illi minn din ix-xhieda ghalhekk ma jirrizultax jekk l-appellat kienx f'posizzjoni jifhem dak li kien qed jinghad lilu mill-pulizija u fi kwalunwke kaz lanqas ma jidher car il-mod kif inghatat t-twissija. Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l- htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id- Drittijiet tal-*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Gunju, 2007 (Appell numru: 41/2016)

*Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): **"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."***

*Dan ifisser allura illi mill-mument ta'l-arrest ta'l-appellat meta ittiehed mill-post tal- incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma'l- avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat- test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill- Ewwel Qorti.'*

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Louis Galea'**[7] gie kkunsidrat li:

*'Minn imkien mill-atti ma jirrizulta jekk l-appellant inghatax id-drittijiet tieghu inkluz id-dritt tas-silenzju qabel ma gie mitkellem. Din il-Qorti tqis li hemm linja fina bejn persuna li mhijiex suspettata ghal meta persuna ssir suspettata. Mill-fuq citata parti mix-xhieda tal-Maggur George Attard, jirrizulta li meta huwa mar fuq l-appellant, kien gia qieghed jissuspetta li fi kliemu hemm 'xi haga hazina'. B'dan il-kliem din il- Qorti tifhem li kien hemm suspett ta' ksur ta' ligi. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant kien gia qieghed jitqies bhala persuna suspettata.*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Appell Numru: 315/2015)

*Id-DIRETTIVA 2013/48/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat- 22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libert u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libert fl-artikolu 21 tal- preambolu tipprovdi li*

*'Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill- pulizija jew awtorit oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih.''*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Claude Formosa**'[8] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond u jidher li f'dan il-kaz din il-materja ma hiex qed tigi kkontestata. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il- kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha.*[9]

*Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant gie mehud l-ghassa sabeix jaghti dan il- kampjun tan-nifs bhal parti mill-investigazzjoni sabeix iwaslu ghal proceduri quddiem il-Qorti. Ghalhekk f'dak l-*

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju, 2019 (Appell numru: 490/2016)

[9] Il Pulizija vs Raymond Grech Margaret deciza mill_Qoti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Gunju 2017 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata.)

*istadju l-appellant gja kien qed jigi kunsidrat bhala 'suspettat' u mhux semplici xhud....'*

Fl-istess sentenza, din il-Qorti qieset li:

*'Zgur li ma jistax jinghad li f'dan il-kaz meta is-surgent talab lill-appellant sabiex imur mieghu l-ghassa sabeix ighati kampnjun tan nifs ma nsitghu nghidu li l- appellant ma kienx qed jigi kunsdirat bhala suspettat ta' reat. Ghalhekk multo magis l-appellant kellu dritt li jkkun assistit minn avukat molto piu meta kien hu stess li talab li huh jkukn prezentai waqt it-tehid.*

*Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal- pulizija.(ara* ***Alexander Zaichenko vs Russia***[10] *– 18/02/2010):*

*"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

*Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal- incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l- avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat- test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel.'*

---

[10] Deciza mill ECHR fit-28 ta' Gunju 2010 (Application no. 39660/02) (Din ir-referenza tinsab fir-raba' (4) nota' ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

Din il-Qorti taghmel referenza ghad-DIRETTIVA 2013/48/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat- 22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-liberta' u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-liberta', senjatament ghal paragragu sbatax (17) tal-preambolu ta' din id-Direttiva li jaqra':

> '*F'xi Stati Membri ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id- Direttiva. <u>Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi fir- rigward ta' reati minuri li ma tistax tkun imposta ċ-ċaħda tal-libertà bħala sanzjoni</u>, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali.*' (Sottolinear mizjud)

Filwaqt li fil-paragrafu wiehed u ghoxrin (21) tal-preambolu ta' din id-Direttiva jinghad li:

> '*Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih.*

*Madankollu, għandu jkun possibbli li l-interrogazzjoni titkompla jekk il-persuna kkonċernata tkun ġiet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva.* '

Din il-Qorti tqis li nonostante l-fatt li mill-affidavit ta' PS31 Mario Farrugia u mir-rapport tal-Pulizija l-appellant inghata s-solita twissija u anke inghata l-ghazla dwar jekk jiehux il-breathalyser test jew le u mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li tnizzel li l-appellant inghata d-drittijiet tieghu kif ukoll id-dritt li jirrifjuta t-test, ma tnizzilx jekk l-appellant inghatax id-dritt li jikkonsulta u li jkollu Avukat prezenti waqt l-investigazzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn fis-sentenza appellata tikkunsidra li '*l-ebda twsissija ma' kienet necessarja sknd il-ligi u dan ghaliex twissija frmali ghandha tinghata biss meta l-persuna tkun taht arrest u ha dak li jirrigwarda tehid ta' breathalyser tests fit-triq jew "roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest.*'

L-artikolu 3(2) ta' din id-Direttiva jipprovdi li:

'*Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*'

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis li nonostante l-fatt li ma jirrizultax li l-appellant gie arrestat, jirrizulta li meta dahal ir-rapport fl-Ghassa kien gia suspettat li l-appellant kien taht l-influenza tal-alkohol u ghalhekk gia kien hemm suspett li l-appellant kiser il-ligi. Tenut kont tal-fatt li taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, r-reati li taghom gie akkuzat huma punibbli bi prigunerija, l-appellant bhala suspettat kellu jinghata d-drittijiet kollha inkluz id-dritt ta' access ghal Avukat.

Mill-atti minn imkien ma jirrizulta li huwa inghata d-dritt li jikkonsulta u jkollu Avukat prezenti, tant li ma giet prezentata l-ebda dikjarazzjoni ta' rifjut tal-Avukat. Ghaldaqstant, din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-kwistjoni dwar jekk giex lez id-dritt fundamentali tal-appellant bit-tehid tal-breathalyser, din il-Qorti tqis li ghandha tiskarta dak li stqarr l-appellant a *tempo vergine* meta mitkellem mill-Pulizija u ghalhekk kwalunkwe referenza fl-atti inkluz minn xhieda ghal dak li stqarr l-appellant hija wkoll inammissibli. In oltre' ir-rizultat tal-breathalyser test li ttiehed minghajr ma l-appellant inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat u jkollu Avukat prezenti huwa ukoll inammissibli nonostante l-fatt li l-appellant inghata d-dritt li jaghzel jaghmilx il-breathalyser test.

Konsegwentement, ma tistax tinstab htija tal-hames (5) imputazzjoni u ghalhekk din il-Qorti qieghda tirrevoka l-htija tal-hames (5) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju u cioe' b'dak l-ittra 'A' jirrigwarda l-apprezzament tal-provi in konnessjoni mar-raba' u mal-hames imputazzjoni. Dawn iz-zewg imputazzjonijiet jaqraw:

'*(4) Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi*

*(5) Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt.*'

L-appellant jissottometti b'referenza ghall-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li l-artikolu jiskatta mal-mument li l-kapacita' tas-sewqan tal-appellant tonqos. Fil-kaz de quo mal-mument li l-appellant kien qieghed isuq jew kellu kontroll tal-vettura tieghu u dan fil-waqt li l-kapacita' tieghu li jsuq kienet nieqsa sforz ix-xorb illi l-appellant kien allegatament ikkonsma. Ghalhekk skont l-appellant, il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tiprova tliet element kardinali li jsawru tali imputazzjoni:

1. L-esponent kien qieghed isuq;
2. L-esponent kien ikkonsma xi xorb- liema allegazzjoni mhijiex ikkontestata;
3. Dan ix-xorb b'xi mod jew iehor naqqas il-kapacita' tal-appellant li jsuq.

Skont l-appellant sabiex tiprova t-tielet element ta' dan ir-reat li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-pern tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti kontra l-appellant, il-prosekuzzjoni ghazlet li tistrieh kompletament fuq ir-rizultanzi tar-'roadsite test' li sar permezz tal-breathalyser. Jaghmel sottomissjonijiet dwar il-htiega li l-kaz jigi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Li ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien xorob, ma jirrizultax li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Jissottometti li mkien mill-atti processwali ma jirrizulta li l-appellant kien qieghed isuq b'mod perikoluz, erratiku jew traskurat. Li kkopera mija fil-mija mal-Pulizija, tant li ma offra l-ebda rezistenza u ta d-dettalji tieghu kollha kif mitlub. Li l-appellant ma giex imwaqqaf ghax kien qieghed isuq b'mod traskurat, perikoluz jew b'nuqqas ta' kont izda ghas-semplici fatt li huwa kien involut f'incident stradali mal-karozza ta' quddiem u xejn aktar.

Jaghmel referenza ghal gurisprudenza u jissottometti li ma giex ipprovat li l-appellant sforz l-alkolol li kien ikkonsma, ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Fatt li jemergi mill-ebda affidavit prezentat u konsegwentement l-appellant jemmen li r-raba imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Din il-Qorti sejra in succint taghmel referenza ghal provi prodotti. Ps31 Mario Farrugia xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn iddikjara li fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-Pulizija tal-Ghassa ta' Marsaskala irciviet rapport li gewwa '*triq il-Qailet Marsaskala*' kienet sehhet kollizjoni bejn zewg vetturi fejn xufier ta' vettura minnhom kien qieghed fi stat ta' sakra. Il-Pulizija irrikorriet fuq il-post fejn irrizulta illi kienet sehhet kollizjoni bejn vettura tas-servizz 'unmarked' bin-numru ta registrazzjoni EBB723 ta l-ghamla ford focus ta' kulur abjad, u il-vettura EAV335 ta l-ghamla Renault Clio ta' kulur abjad.

Il-vettura EBB723 kienet qed tigi misjuqa minn Pc189 fejn dan qal illi huwa kien sejjer ghal fuq skorta u kien ghadda ghal kollega tieghu, u hekk kif dan kien rikkeb lil kollega tieghu u kif kien ser jerga isuq kienet habtet fuq in-naha ta wara taghhom il-vettura EAV335. Pc189 qal illi dak il-hin huma kellhom ukoll il-beacons ta quddiem u wara mixghulin. Hekk kif nizlu biex jaraw ezatt x'kien gara, ix-xufuer tal- vettura li dahlet go fihom kien nizel minn gol-vettura tieghu fejn huma mal-ewwel issuspettaw illi kien qieghed fis sakra minhabba il-mod illi kien qed jimxi kif ukoll ir-riha ta' xorb illi kellu go halqu. Fl-istess affidavit tnizzel li ix-xufier tal-vettura EAV335 huwa Conrad Meilaq fejn dan qal illi huwa kien qieghed isuq wara il-vettura l-ohra u f'daqqa wahda il-vettura tefghat fil-genb u waqfet f'daqqa u huwa kien dahal go fiha. Huwa rrimarka illi imbilli il-vettura kellha id-dwal blu mixghula ma jfissierx li seta jieqaf hekk. Dwar dan, abbazi ta' dak deciz aktar kmieni f'din is-sentenza, din il-Qorti sejra tiskarta dak li l-appellant Conread Meilaq allegatament stqar lil Pulizija minghajr il-prezenza ta' Avukat.

Fl-istess affidavit tnizzel li Conrad Meilaq kien jinxtamm riha ta' alcohol fejn huwa gie nfurmat illi kien hemm suspett illi kien qieghed isuq taht l-influenza tal-alcohol u ghalhekk kien ser jittiehidlu test tan-nifs. Ingieb il-breathalyser fuq il-post fejn Conrad Meilaq inghata is-soltu twissija, fejn hu ghazel li jaghmel it-test tan-nifs, li rrizulta '*66.4ug/100ml*' illi huwa limitu aktar gholi mill-massimu stabbilit mill-ligi. Huwa nghata kopja tal-ircevuta tat-test tan-nifs u irrifjuta li jiffirma din l-ircevuta. Conrad Meilaq gie infurmat li ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu.

Fir-rapport tal-Pulizija a fol 21 et sequitur dwar Conrad Meilaq tnizzel li bhala Alcohol 'TESTED POSITIVE' u bhala Alcohol Test Reading tnizzel '066.4ug/10'. Tnizzel li '*subject refused to sign test result paper*.' Bhala statement tnizzel '*kont warajh u hin minnhom tefa mal gemb qabad u waqaf fdaqqa wahda u habattna. imbilli kellu id dwal blu ma jifissirx li sera jaqbad u jieqaf*'. Din il-Qorti terga tfakkar li abbazi ta' dak deciz aktar kmieni f'din is-sentenza, <u>din il-Qorti sejra tiskarta kemm ir-rizultat tal-breathalyser test u anke ta' dak mistqar mill-appellant a tempo vergine u ghalhekk inkluz dan l-istatement imnizzel fir-rapport tal-Pulizija</u>.

Fl-istess rapport tnizzel li fl-10 ta' Frar, 2019 il-pulizija tal-ghassa ta' Marsaskala kienu infurmati illi sehhet kollizjoni gewwa '*triq il-qlaiet marsaskala*' fejn vettura tas-servizz kienet involuta, fejn kien suspettat illi il-vettura tax-xufier li dahal go fiha kien qieghed fi stat ta' sakra. Il-pulizija tad-distrett irrikorrew gewwa '*triq il-Qlaiet Marsaskala*' ftit qabel il-kantuniera ma triq il-hamrija, fejn jirrizulta li kienet sehhet kolluzjoni bejn il-vettura tas-servizz EBB723 u l-vettura EAV335. Il-vettura tas-servizz EBB723 li kienet qed tigi misjuqa minn Pc189 Mariano Ancilleri 388678M fejn dan qal illi huwa kien sejjer ghal fuq skorta u kien ghadda ghal kollega tieghu Jesmond Schendo 445267M, hekk kif dan kien rikkeb lil Jesmond u kien ser isuq, kienet habtet fuq in-naha ta' wara taghhom il-vettura EAV335. '*Mario*' qal illi dak il-hin huma kellhom ukoll il-beacons ta' quddiem u wara mixghulin. Hekk kif nizlu biex jaraw ezatt x'kien gara ix-xufier tal-vettura li dahlet go fihom kien nizel minn gol-vettura tieghu fejn huma mal-ewwel

issuspettaw li kien qieghed fis-sakra minhabba il-mod illi kien qed jimxi kif ukoll ir-riha ta' xorb illi kellu go halqu.

Fl-istess rapport tal-Pulizija tnizzel li l-Pulizija kelmet lix-xufier tal-vettura EAV 335 Conraid Meilaq id 376179M fejn qal illi huwa kien qieghed wara il-vettura l-ohra u f'daqqa wahda il-vettura tefghat fil-genb u waqqfet f'daqqa u huwa kien dahal go fiha. Huwa rrimarka illi imbilli l-vettura kellha id-dawl blu mixghula ma jfissirx li seta jieqaf hekk. Minhabba il-fatt li kien qed jigi suspett li Conrad kien qieghed isuq fi stat ta' sakra, huwa kien infurmat illi kien ser isirlu it-test tan-nifs, fejn il-breathalyser ingieb minn l-Ghassa ta' Bormla fuq il-post u fil-15:38hrs sarlu it-test tal-brethiliser, tnizzel li l-hin fuq il-magna tal-breathalyser kien ghadu bis-siegha il-quddiem u ghalhekk jimmarka l-hin ta' 16:38hrs. Conrad inghata d-drittijiet tieghu kif ukoll id-dritt ta' rifjut tat-test fejn huwa ghamel it-test illi irrizulta 066.4ug/100ml illi huwa ghola mil-limitu stabbilit fil-ligi. Conrad irrifjuta li jiffirma il-karta tar-rizultat tal-breathalyser.

Fuq il-post ittiehdu il-verzjonijiet tal-partijiet involuti kif ukoll skizz tal-incident u gew innutati l-hsarat illi saru fuq il-vetturi. Il-vettura EBB723 garbet hsarat fuq in-naha ta' wara tax-xufier fuq il-bumper, mudguard u fanal. Il-vettura EAV335 garbet hsarat fuq in-naha ta' quddiem fil-bumper, bonnet, mudguards u fanali. L-isketch tinstab a fol 26.

Pc 189 Mariano Ancilleri xehed permezz tal-procedura tal-affidavit. Spjega li huwa membru tal-korp tal-pulizija u li l-Hadd l-10 ta' Frar 2019 ghal habta tal-14:55 kien qed isuq fit-Triq il-Qaliet Marsaskala bil-karozza tas-servizz EBB 723 bil-beacon lights blue mixghulin waqt il-qadi tad-dmirijiet. Kif kwazi wasal quddiem zebra crossing ra lil kollega tieghu Jesmond Sghendi li kien qed jaqsam iz-zebra crossing, tefa' mal-genb tat-triq biex jaghtih cans jirkeb fil-vettura u f'daqqa wahda sema break qawwi u vettura minn wara bin-numru ta' registrazzjoni EAV 335 li minn aktar stharrig irrizulta li tappartjeni lil certu Conrad Meilaq baqghet diehla gol-vettura tas-servizz taghhom b'impatt qawwi u li kienet gejja bi speed eccessiv.

Xehed Jesmond Sghendo quddiem l-Ewwel Qorti fil-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Din ix-xhieda mhijiex traskritta u ghalhekk dan ix-xhud rega xehed fl-istadju tal-appell quddiem din il-Qorti kif preseduta fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Ikkonferma li dak in-nhar kien hemm kollega tieghu li gie ghalih. Il-vettura hija Ford Focus tas-servizz li kienet mixghula bil-beacon lights izda ma ghandhiex stickers tal-Pulizija ghax karozza pajzana izda ghandha l-beacon lights quddiem, mal-mirja u fuq wara. Ix-xufier ghadda ghalih, kien qieghed fejn iz-zebra crossing in-naha l-ohra tat-triq, ix-xufier kien gej mid-direzzjoni opposta u kien gej ghalih, kellu il-beacon ligths mixghul. Ma kienx in-naha fejn sehhet il-kollizjoni izda n-naha l-ohra. Spjega '*kif rajtu ġej qsamt minn fuq iz-zebra crossing, waqaf fuq iz-zebra crossing kien bil-beacon lights, smajt il-break ġej u rajt vettura dieħla b'mod aċċessiv fuq in-naħa ta' wara fil-karozza tagħna tas-servizz.*' Il-Ford Focus hija l-karozza tas-servizz. Il-vetturi mill-mument tal-impatt sakemm gew il-Pulizija tad-distrett baqghu kif kienu, ma ccaqalqux. Il-karozza taghhom fl-iskizz hija dik ta' quddiem u cioe' EBB723 u jghid li l-isketch tirrifletti l-verita' u timmarka ezatt il-hsarat li garbu l-karozzi. Jghid li '*Qisu qed jaqsam xi ħadd eżatt waqaf, eżatt, eżatt.*' Mistoqsi kif il-hsarat qeghdin fuq gemb ta' wara fuq in-naha tax-xufier u mhux wara kollu, kif kkif il-karrozza taghhom qieghda angolata hierga minn parking, wiegeb '*Mela l-karozza l-Focus kienet pparkjata eżatt fuq iz-zebra crossing. Il-break instema' qawwi, l-karozza ta' wara ġiet daqsxejn laġenba u ħadet fix-xifer tal-Focus. Qed ngħidlek b'ċertezza kbira li qegħdha hawn*.' Spjega li '*Din il-Focus tagħna ta' quddiem. Il-karozza ta' wara bil-break kemm kemm skidjat u baqghet diehla ġol bumper ta' wara u laqtet lilna daqsxejn il-mudguard ta' wara*'. Ikkonferma li l-karozza ta' wara hadet taghhom at an angle. Dwar li l-karozza taghhom tidher li hierga minn parking wiegeb li '*Le, le kif inhi din qegħda mpenġija l-barra central strip hawn fejn waqaf eżatt, hawn din minn fejn taqsam iz-zebra crossing fejn hawn id-dwal.*' Kompla '*Issa l-karozza kienet hawn ... bid-daqqa dawwarna u ġiebna hawn hekk.*'

Ghalhekk mill-atti jirrizulta li meta l-Ghassa ta' Marsaskala giet infurmata dwar l-incident, giet infurmata dwar li kien qieghed jigi suspettat li l-appellant kien fis-sakra u kemm fl-affidavit ta' Ps31 Mario Farrugia u anke fir-rapport tal-Pulizija saret referenza ghall-allegazzjoni li l-appellant kien fis-sakra u dan minhabba l-mod ta' kif kien qed jimxi u r-riha ta' xorb go halqu. Dak li jghid il-Pulizija li mar biex jiehu r-rapport u cioe' Ps31 Mario Farrugia kien li peress li l-appellant kien jinxtamm riha ta' alcohol gie deciz li jittiehed test tan-nifs. Ghalhekk jirrizulta li l-Pulizija li mar fuq il-post biex jiehdu r-rapport fl-ebda hin ma xehed li ra lil Meilaq miexi b'mod stramb jew lil Meilaq jagixxi b'mod suspettuz ghajr li l-appellant kien jinxtamm riha ta' alkohol u kien hemm suspett li kien fi stat ta' sakra izda rraporta dak li allega s-sewwieq l-iehor. Meta xehed Jesmond Sghendo f'dawn il-proceduri ma ghamel l-ebda referenza ghas-stat xurban li kien fih l-appellant. Anke meta xehed bil-procedura tal-affidavit PC 189 Mariano Ancilleri u cioe' s-sewwieq tal-vettura l-ohra involuta fl-incident, huwa ma semma xejn dwar l-allegata kundizzjoni ta' sokor tal-appellant.

L-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.*
*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiexf'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.*'

Il-Qorti fis-sentenza appellata ikkunsidrat illi '*l-htija fuq il-hames akkuza **<u>necessarjamen</u>**t iggib maghha ukoll il-htija fuq ir-raba' akkuza u dan ghaliex nonostante dak argumentat mill-abbli avukat tad-difiza fi-trattazzjoni, il-fatt li persuna tinqabad issuq b'livell ta' alcohol fin-nifs izjed mill-limitu preskritt ikun ifisser illi dik il-persuna ma' kienetx f'kundizzjoni li ssuq minhabba x-xorb. Il-limiti preskritti milli-ligi ma' waqghux mis-sema u gew imdahhla mill-legislatur proprju ghaliex kienet l-intenzjoni ieghu illi jgib dawn il-limiti izjed in konformita'*

*ma' dawk ta' diversi Stati Membri ohra tal-UE. Kif intqal matul id-dibattiti parlamentari fid-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni taghhom, dawn il-limiti gew stabbiliti abbazi ta' studji xjentifici li wrew li l-indeboliment ("impairment") fis-sewqan jaqbez il-limitu accettabbli fir-rigward tas-sahha u sigurta malli l-livell tal-alkohol jecceddi tali limiti. Dawn il-limiti preksritti mill-ligi ma' jaghmlux distinzjoni bejn is-sewwieqa fuq bazi tas-sess, bijologija u fizjologija taghhom u filfatt studji xjentifici kbar (fosthom Moskowitx u Roninson li fl-1988 hargu studju li gabar fih sommarju ta' mija seba' u sebghin studji ohra fuq din il-materja li saru madwar id-dinja) wrew illi rrispettivament mill-fizjologija u sess tal-bniedem, f'diversi kazijiet l-indeboliment jista' jibda sahansitra* ***<u>f'livelli ferm inqas</u>*** *mill-limiti preskritti. Dan ifisser illi sewwieq jista' ma jkunx f'kundizzjoni tajba li jsuq minhabba xorb anke jekk l-livell ta' alkohol fil-gisem tieghu ma' jaqbizx il-limiti preskritti. Li huwa zgur pero hu illi malli jinqabez tali limitu m'ghandux ikun hemm argumenti dwar il-fatt illi x-xufier* ***<u>ma' jkunx f'kundizzjoni tajba biex isuq</u>****.'*

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-kunsiderazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Keith Aquilina'</u>**[11] gie kkunsidrat li:

*'Jidher illi ma hemmx kontestazzjoni dwar id-decizzjoni tal- Ewwel Qorti taht l-ewwel tlett akkuzi w fejn l-imputat gie lliberat mill-hames akkuza izda l-kontestazzjoni qeghda fir-raba' akkuza w cioe' "illi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura numru CAP 138 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi".*

*Ikkunsidrat*

*Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru, 2009 (Appell Kriminali Numru: 155/2019)

*tigi ppruvata.*

*Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-"particulars" u anki meta kien id- Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Naturalment kulhadd huwa responsabbli ta' ghemilu w jekk l-imputat ma gabx ruhu sew fil-konfront tal-Pulizija w kiser xi kontravenzjoni f'dan is-sens allura jrid iwiegeb ghal dan kif fil-fatt gara. Pero' ma jistax iwiegeb ghall- akkuza illi ma tirrizultax sodisfacentement ippruvat fi grad li trid il-Ligi.*

*Hadd mix-xiehda li gew imressqa mill-prosekuzzjoni ma nnotaw xi sewqan erratiku jew mhux normali da parte tal- imputat. Fil-fatt dana twaqqaf biss ghaliex ma kienx liebes is-"seat belt" mhux ghal xi kontravenzjoni ohra.*

*Ghalhekk il-fatt illi kien xurban irid jitqies bhala prova flimkien ma' provi ohra li setghu jwasslu ghall-konkluzzjoni illi l-imputat ma kellux il-kontroll tal-vettura.*

*Ir-"reading" tar-"road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir- raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jan Spiteri deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizzjoni ghal min mhuwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il-Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Jan Spiteri'**[12] gie meqjus li:

'*Kif korrettement jissottometti l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, dak li qalu P.C. 301, P.C.*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2008 (Appell Kriminali Numru: 29/2008)

*525 u W.P.S. 254 ma jikkostitwixxi l-ebda prova kontra l-appellant dwar jekk kienx xurban peress illi dak li qalu P.C. 301 u P.C. 525 jikkostitwixxi hearsay u dak li qalet W.P.S. 254 huwa double hearsay. Kwantu mbaghad ghal S.M. 1373, huwa minnu li jghid li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb izda dan wahdu mhix prova li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Anzi, f'kuntrast dirett ma' dak li qieghed jigi allegat fl-ewwel imputazzjoni, l-istess S.M. 1373 jghid li l- appellant "ikkoopera" u kien qieghed "jirraguna". Id- dokument suriferit jindika li l-appellant kien "Quite Polite" u li kien "Rational" – zgur mhux kondizzjoni li wiehed jistenna minn persuna allegatament xurbana. Kwantu mbaghad ghal jekk kellux kontroll tal-vettura tieghu jew le, la P.C. 301 u l-anqas P.C. 525 ma allegaw xi manjiera ta' sewqan li seta' juri li l-appellant ma kellux kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Ghall-kuntrarju jirrizulta illi hekk kif ghamlulu sinjal biex jieqaf huwa waqaf.*

*F'dan l-istat ta' provi din il-Qorti hi tal-fehma li l- prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova r-reat addebitat lilu skond l-ewwel imputazzjoni lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh.'*

Din il-Qorti tqis li sabiex tirrizulta r-raba' (4) imputazzjoni, din hija indipendentement mill-livell tal-alcohol fil-gisem tal-bniedem. Ghalhekk anke fejn il-Prosekuzzjoni tkun pruvat li l-akkuzat kien ikkonsma aktar alcohol mill-livell permess mil-ligi, ma jfissirx li tkun irnexxilha tiprova li l-akkuzat saq il-vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tiprova li l-kapacita' tal-appellant biex isuq kienet imnaqsa. Fil-kaz odjern, kif deciz aktar kmieni f'din is-sentenza, ir-rizultat tat-test tal-breathalyser hija prova inammissibli. Bil-fatt li sehh incident, wiehed ma jistax jikkonkludi li dan sehh rizultat li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni ta' sewqan minhabba xorb u lanqas ma gie ipprovat li l-kapacita' tal-appellant fis-sewqan kienet imnaqqsa minhabba alkohol. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' dan l-aggravju f'dak li jirrigwarda r-raba' (4) imputazzjoni u sejra tirrevoka l-htija tar-raba' (4) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet (3) aggravju u cioe' dak bl-ittra 'C' jirrigwarda l-allegat sewqan perikoluz, traskurat u bla kont. L-appellant jissottometti li l-ebda wiehed mill-Pulizija ma indika li l-appellant kien qieghed isuq b'mod erratiku. Minn imkien ma jemergi li kien hemm pedestrians involuti u li konsegwentement l-appellant kien ta' perikolu ghall-pubbliku miexi fit-triq. Jissottometti li bl-ebda mod u manjiera ma gie ppruvat li l-incident stradali msemmi fl-affidavits tal-pulizija fil-proceduri odjerni kien sforz ta' traskuragni u/jew negligenza tal-appellant. Dan qieghed jinghad stante li l-appellant ma giex akkuzat li kkawza hsara involontarja sforz in-negligenza tieghu. Ghalhekk skontu ma setghax jinstab hati ta' sewqan perikoluz u li jekk ghal grazzja tal-argument biss li l-Qorti temmen li l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, f'din l-eventwalita' l-Qorti kellha tikkonsidra li kemm it-tieni kif ukoll it-tielet imputazzjoni kienu komprizi fl-ewwel imputazzjoni u ghalhekk ma setghetx issib htija taht it-tliet imputazzjonijiet.

Dwar dak li jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont u perikoluz, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'</u>**[13] fejn gie kkunsidrat li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'ghandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

*għal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' taghhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ċ- ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin w il-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż." (**<u>ara The Police vs Charlotte Chamberlain</u>**[14]);'* (Dettalji tas-sentenza kif citata jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Dwar il-kwistjoni jekk sewqan jikwalifikax bhala perikoluz, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. M. Buttigieg) Vs Mario Gellel'</u>**[15] gie kkunsidrat:

'*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"**[16]:-*

*"Sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni tan-normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkreta ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-Ligi in tema ta' sewqan perikoluz , tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta"'* (Dettalji tas-sentenza citata jinsabu fin-nota ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Manwel Mallia'</u>**[17] fost kunsiderazzjonijiet ohra dwar id-differenza bejn sewqan negligenti u sewqan perikoluz gie kkunsidrat li:

'*Din il-Qorti kellha ta' spiss okkażjoni tgħid li kriterju fiss bejn sewqan "negligenti" u sewqan*

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Mejju, 1996

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 2004 (Appell Kriminali numru: 202/2003)

[16] [3.5.1953] (Vol. XXXVII. iv. p. 1108)

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Marzu, 1959

*"perikoluz" ma hux faċli li jiġi stabbilit; kif lanqas ma jista' wieħed jagti definizzjoni preċiża ta' sewqan perikoluż. Il-kwistjoni hi kollha, kif dejjem qalu l-Qrati, f'din il-materja, waħda ta' "degree"; u kull każ għandu l-fattezzi tiegħu;*

*Issa, fil-każ preżenti, kieku l-imputat qabeż karozza u char-a-banc f'kolp wieħed, din il-Qorti ma kienetx teżita tgħid li dan hu sewqan perikoluż fiċ-ċirkostanzi tal-każ; imma, peress li l-Qorti addottat il-versjoni l-aktar żgura u beninja li kien hemm biss ix-char-a-banc li ġie maqbuż, allura l-konklużjoni ma hijiex ugwalment ċerta. Din il-Qorti, wara li rriflettiet, taħseb li fil-każ kien hemm "over-taking" li jikkostitwixxi sewqan negliġenti; għaliex dan kien negliġenti per se', u negliġenti wkoll għax kien jimplika l-vjolazzjoni ta' diversi regolamenti stradali statorji, imma ma taħsebx li l-każ hu biżżejjed gravi li jġib sewqan perikoluż;'*

L-appellant gie misjub hati ta' sewqan b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont u bi traskuragni. Is-sewwieq Pc 189 Mariano Ancilleri spjega fl-affidavit tieghu li Jesmond Sghendo kien qed jaqsam iz-zebra crossing, tefa mal-genb tat-triq biex jaghtih cans jirkeb fil-vettura u f'daqqa wahda sema break qawwi u vettura min wara baqghet diehla gol-vettura tas-servizz taghhom b'impatt qawwi u li kienet gejja bi speed eccessiv. Jesmond Sghendo jixhed kif il-*beacon lights* tal-vettura kienu mixghulha, li l-kollega tieghu waqaf fuq iz-zebra crossing, li sema' break gej u ra vettura diehla b'mod eccessiv fuq in-naha ta' wara fil-karozza taghhom tas-servizz. Jghid li l-karozza Focus kienet pparkjata ezatt fuq iz-zebra crossing, il-break instema' qawwi, l-karozza ta' wara giet daqsxejn lagenba u hadet ix-xifer tal-Focus. Jghid li bid-daqqa dawwarhom.

Ghalhekk jirrizulta li filwaqt li s-sewwieq PC189 Mariano Ancilleri jghid li kien tefa fil-genb meta sema' break qawwi u vettura minn wara baqa' diehel b'mod eccessiv, Jesmond Sghendo jispjega li l-vettura tas-servizz kienet wieqfa tistennih jaqsam. Mir-rapport tal-Pulizija tnizzel li '*hekk kif dan kien rikkeb lil jesmind u kien ser isuq kienet habtat fuq in-naha ta wara taghhom il-vettura EAV335. Mario qal illi dak il-hin huma kellhom ukoll il-beacons ta' quddiem u wara mixghawlin.*' Ghalhekk skont il-verzjoni moghtija a tempo vergine minn PC189 Mariano Ancilleri l-impatt sehh hekk kif huwa kien sejjer isuq

wara li gabar lil kollega tieghu.Ghalhekk jirrizulta li hemm konflitt anke mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ta' kif sehh l-incident, jekk il-vettura kinitx wieqfa mal-gemb tat-triq, jekk kinitx wieqfa quddiem iz-zebra crossing jew jekk kinitx qalghet il-barra meta sehh l-incident.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

'*Ikkunsidrat illi s-sewqan traskurat gie ppruvat billi ngiebet prova tal-htija fuq ir-raba' u l-hames akkuzi.*

*Ikkunsidrat illi s-sewqan bla kont u sewqan perikoluz gie ukoll ppruvat billi mhux biss l-imputat ghazel li nonostante s-stat ta' sokor tieghu deliberament jiehu riskju fis-sewqan li ma' kellux jiehu minhabba l-probabilita' illi seta' jikkawza hsara lit-terzi (kif filfatt gara) izda inoltre s-sewqan tal-imputat kien ta' periklu ghal terzi, ossia ghall-okkupanti tal-vettura tas-servizz misjuqa minn PC 0189 Mariano Ancilleri.*'

Din il-Qorti ma taqbilx li bis-sejbin ta' htija tar-raba (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, gew ippruvati ukoll ir-reati rigwardanti s-sewqan traksurat, bla kont u perikoluz. Din il-Qorti tal-Appell Kriminali irrevokat is-sejbien ta' htija tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet izda dan ma jfissirx li l-ewwel tlett (3)imputazzjonijiet ma jirrizultawx. Din il-Qorti tqis li kieku l-appellant kien mohhu fit-triq u diligenti bil-mod ta' kif kien qieghed isuq, dan l-incident kien ikun evitat. Jirrizulta li l-incident sehh vicin zebra crossing, u ghalhekk vetturi li jkunu resqin lejn zebra crossing ghandhom l-obbligu li jnaqsu l-velocita'. Il-paragrafu 265 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq u cioe' l-Highway Code jiprovdi li:

'*Meta tavviċina POST TA' QSIM GĦALL-PEDES- TRIANS kun dejjem lest biex tnaqqas il-veloċità jew tieqaf sabiex tagħti d-dritta lill-pedestrians; dejjem agħtihom id-dritta fuq dawn il-postijiet. Agħmel sinjal lix-xufiera l-oħra dwar il-ħsieb tiegħek li tnaqqas il- veloċità jew li tieqaf.*

*Aħseb aktar kmieni biex tieqaf meta t-triq tkun imxarrba jew għan-niżla.*'

Ghalhekk gialadarba Pc189 Mariano Ancilleri iddecieda li jitfa fil-genb tat-triq jew jieqaf biex jilhaq jaqsam u jidhol fil-vettura l-kollega tieghu hekk kif ra lil kollega tieghu jaqsam fuq iz-zebra crossing, huwa kellu jiehu mizuri biex jindika lil vetturi li setghu kienu qeghdin jinstaqu warajh li huwa kien sejjer jieqaf. L-appellant minn naha tieghu kellu l-obbligu li jiehu kont ta' dak li kien ghaddej fit-triq u ghalhekk bla dubju ta' xejn is-sewqan tieghu kien traskurat stante li bin-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, baqa diehel fil-vettura misjuqa minn Pc189 Mariano Ancilleri nonostante li din il-vettura kellha l-beacon lights mixghula.

Jirrizulta li kemm Mariano Ancillari u anke Sghendo xehdu li l-appellant kien gej b'velocita eccessiva, tant li l-impatt kien qawwi u l-break instema qawwi ukoll. jirrizulta fl-isketch li tinstab a fol 26 li kien hemm anke '*tire mark*' li ghalhekk huwa sinifikattiv li l-appellant kien qieghed isuq b'velocita'. Ghalhekk dawn il-provi jikkonfermaw li l-appellant kien qieghed isuq b'manjiera perikoluza, bla kont u traskurata stante li kien hemm nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Ghalkemm ma kienx hemm pedestrians involuti, ma jfissirx li huwa ma kienx ta' perikolu ghal persuni riekba f'vettura. Nonostante l-fatt li ma giex akkuzat bi hsara involontarja, lanqas ma jissinifika li s-sewqan tieghu ma kienx traskurat. Dawn jirrizultaw kollha kemm huma izda r-reat ta' sewqan traskurat u bla kont huma komprizi u involuti fir-reat ta' sewqan perikoluz.

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk jonqos li tigi kunsidrata l-piena li ghandha tigi inflitta. Kif inghad din il-Qorti tqis r-reati taht it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet huma komprizi u involuti fl-ewwel (1) imputazzjoni. Gialadarba mhijiex tigi kkonfermata l-htija tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, din il-Qorti sejra tnaqqas il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jissottometti li qieghed jattendi sessjonijiet mal-Caritas biex jeghleb il-vizzju tad-droga. Jissottometti li jahdem bhala full time driver u li l-piena ser ikollha impatt kbir fuq il-ben essere tal-appellant kif ukoll fuq ix-xoghol tieghu. Dwar dan, din il-Qorti tqis li gialadarba l-ligi timponi l-iskwalifika tal-licenzja, din il-Qorti hija marbuta li tordna tali skwalifika. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud'</u>**[18]:

*'Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l- fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l- iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal- akkuzi migjuba kontra tieghu.'*

L-appellant jissottometti li huwa '*a first time offender*' u li lanqas qatt ma xellef difrejgh mal-ligi b'xi mod jew iehor. Dan mhuwiex il-kaz. Skont il-fedina penali jirrizulta li l-appellant xellef difrejgh mal-gustizzja diversi drabi fosthom b'reati rigwardanti pussess ta' droga. Mill-fedina penali tirrizulta ukoll kundanna dwar sewqan ta' vettura

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminai fit-2 ta' Ottubru, 2014 (Appell Kriminali Numru: 1/2014)

minghajr licenzja u minghajr polza ta' assigurazzjoni izda stante li ma jirrizultax li qatt instab hati ta' sewqan traskurat, bla kont u perikoluz, sejra tqis *ai fini* ta' piena taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-akkuzi odjerni mertu ta' dan l-appell bhala l-ewwel kundanna. Ghar-reati li taghhom qieghda tigi kkonfermata l-htija, il-ligi tistipola piena tal-multa ta' mhux izjed minn elf u mitejn ewro (€1200) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sena kif ukoll fil-kaz tal-ewwel kundanna l-iskwalifika milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett xhur (3) u fil-kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tirrevoka il-multa imposta ta' elfejn ewro (€2000) u sejra minflokk tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' hames mitt ewro (€500) u filwaqt li tirrevoka fejn il-Qorti skwalifikat lill-appellant milli jzomm licenza tas-sewqan ghal zmien sena, minflokk sejra tiskwalifikah milli jzomm licenza tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur. Sejra tirrevoka l-ordni ta' imposizzjonijiet ta' penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenza tas-sewqan u minflokk timponi tlett (3) punti fuq il-licenza tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn l-appellant instab hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) b'dan li it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet huma komprizi u involuti fl-ewwel (1) imputazzjoni, qieghda tirrevoka fejn l-appellant instab hati tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u tilliberah minnhom. Qieghda tirrevoka fejn ikundannat lill-appellant ghal multa ta' elfejn ewro (€2000) u minflokk tikkundannah ghal multa ta' hames mitt ewro (€500).

Tirrevoka fejn iskwalifikat lill-appellant milli jzomm licenza tas-sewqan ghal zmien sena u minflokk tiskwalifika lill-appellant milli jzomm il-licenza tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum u *ai termini* tar-regolament 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tordna lill-appellant sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn *ai termini* tar-regolament 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjajara 65.18 il-Qorti imponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat izda qieghda minflokk timponi penali ta' tlett (3) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-appellant, liema punti ghandhom jigu mnizzla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur